**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Matthew Borg**

Kawza numru: 3133/2025

**Illum 07 ta' Marzu, 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra:

**Matthew Borg**, bin Joseph u Maria Theresa Busuttil, m/Pieta fl-20 ta' Mejju 1988, resident Mattison Crt, Flt 3, Triq il-Qattus, Ghaxaq, bin-numru tal-Karta tal-Identita:245088M;

**Akkuzat** talli fl-09/09/2018 fl-inhawi ta' Wied Dalam, B'Bugia;

1. Bla hsieb li tisraq jew taghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandek, gieghelt, bl-awtorità tieghek innifsek, lil xi haddihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazjzoni, tkun li tkun, jew fixkilt lil Manwel Busuttil fil-pussess ta' hwejgu, jew hattejt bini, jew ksirt il-mixi tal-ilma jew hadt l-ilma

ghalik, jew b' xi mod iehor, kontra l-ligi, indahalt fi hwejjeg haddiehor; Art 85(1) Kap 9.[1]

Rat l-atti kollha tal-kaz.
Semghet ix-xhieda.
Rat u qieset il-provi u dokumenti kollha prodotti.
Rat l-prosekuzzjoni iddikjarat li ser tistrieh fuq il-provi in atti.
Rat is-sottomissjonijiet tal-parte civile u tad-difiza[2].
Semghet is-sottomissjonijiet tad-difiza.[3]
Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

**Il-Fatti fil-Qosor.**

Dan il kaz jirrigwarda allegazzjoni mill-parte civile Manwel Busuttil li fid-9 ta' Settembru 2018 fl-inhawi ta' Wied Dalam Birzebbugia Matthew Borg indahal jew fixklu fi hwejgu u dan billi dahal jikkaccja fil-proprjeta tieghu jew li ilu igawdi.

Fil-fatt il-Pulizija istitwiet proceduri ukoll kontra Manwel Busuttil, stante illi l-imputat jghid li ghandu tali dritt fuq hwejjeg il-parte civile, filwaqt illi l-parte civile jippretendi li l-imputat m'ghandux tali dritt.

**Provi:**

**Xehed PC 829** A. Dougall li qal li fid-9 ta' Settembru 2018 ghal habta tas-sebgha ta' filghodu (7.00am) ircieva telefonata minghand certu Manwel Busuttil li kien ghad kemm kellu argument ma' certa Matthew Borg fl-ghelieqi taghhom. Hu mar fuq il-post flimkien ma' PC 994 u tkellem ma' Manwel Busuttil fejn qal li kien hareg bil-moghoz 'l fuq mir-razzett u Matthew Borg

[1] Folio 1 tal-process.
[2] A folio 73 tal-process.
[3] Folio 87 tal-process.

mar biex jaghmel ghalih. Borg mitkellem mill-pulizija qal li Busuttil mhux suppost imur fejn kien hu. Busuttil pprezenta sentenza mahruga mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli fejn skond hu kienet tghid li Borg ma setax jersaq lejn ir-razzett sa mitejn metru.[4]

Xehed **PC 994 C. Grech** li qal li fid-9 ta' Settembru 2018 ghal habta tas-sebgha ta' fil-ghodu (07.00am) ircieva telefonata minghand certu Manwel Busuttil li kien ghad kemm kellu argument ma' certa Matthew Borg fl-ghelieqi taghhom. Hu mar fuq il-post flimkien ma' PC 829 u tkellem ma' Manwel Busuttil fejn qal li kien hareg bil-moghoz l fuq mir-razzett u Matthew Borg mar biex jaghmel ghalih. Borg mitkellem mill-pulizija qal li Busuttil mhux suppost imur fejn kien hu. Busuttil pprezenta sentenza mahruga mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli fejn skond hu kienet tghid li Borg ma setax jersaq lejn ir-razzett sa mitejn metru.

Xehed **Dr. Lennox Vella** nhar is-26 ta' Frar 2021 fejn ezebixxa r-rapport redatt minnu.[5]
Il-perit legali gie mahtur mill-Qorti diversament preseduta waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019[6]. Fil-konkluzjonijiet tieghu huwa qal is-segwenti:

'***Mix-xhieda migbura u mill-provi prodotti l-esponent huwa tal-umli fehma li l-elementi necessarji sabiex jinkorri r-reat ta' ragion fattsi ma gewx sodisfacentement ippruvati...***'[7]

Xehed **Manuel Busuttil** nhar il-5 ta' Marzu 2020 u qal li r-razzett jintuza ghal bhejjem u ilu juzah ghal dan l-iskop xi tletin (30) sena. Il-bhejjem huma naghag u moghoz. Ir-razzett ghandu bicca raba' mieghu, jigifieri xi tomna u nofs. Ir-raba' jizra' il-qamh fiha. Jghid li n-nghag johroghom. Jghid li hu biss juza r-

---

[4] Folio 2 tal-process.
[5] Folio 18 tal-process. Drittijiet legali Ewro 433.52c wara ta' Folio 83 tal-process.
[6] Folio 9 tal-process.
[7] Folio 83 tal-process.

razzett u r-raba' u huh kien jonsob u miet xi 14-il sena ilu.[8] Jghid li f'dawn l-ahhar tletin sena hadd ma dahal. Jghid li dwar il-guranata tal-incident kien hemm zewg kaccaturi bis-snieter u meta gew il-pulizija wiehed minnhom harab bis-senter u l-pulizija ma sabuhx Jghid li Matthew Borg kien bis-senter. Qallu li hu kien ghala zobbu minnu u mill-Magistrat. Jghid li hu ra lil Borg fix-xaghri, post fejn hu kien juzahom minn dejjem. Ix-xaghri hija vicin ir-razzett. Jghid li hu ma qaghadx mitejn (200) metru boghod mir-razzett imma tahtu, go hwejgu ghax ihallas il-qbiela. Jghid li x-xaghari hija parti mir-raba' li tkellem fuqha. Jghid li Borg kellmu hazin u ma hallihx jghaddi bin-naghag[9]. Jghid li l-isqaq biex tidhol ghax-xaghri sakkarulu bil-gebel. Jghid li s-sqaq ta' kulhadd, kien jghaddi kulhadd.[10]

Xehed **Anthony Busuttil** nhar il-5 ta' Marzu 2020. Jghid li hu trabba hemm, ilu 'l fuq minn erbghin (40) sena. Jghid li hemm jitrabbew il-moghoz u n-naghag. Ir-razzett juzah Manwel Busuttil. Jghid li meta jigu dawk ghal kacca rodd is-salib ghax gej l-inkwiet. Jikkonferma li r-razzett ghandu madwar tomnejn raba' li juzahom Manwel Busuttil. Hadd ma juzah hlief meta kien haj huh il-mejjet li kien jonsob. Jghid li hu tela' ghax sema' l-ghajjat u kien hemm missier Borg ukoll. Ma riduhx jirgha bil-moghoz ghax kienu ghal kacca bil-klieb. Jghid li Borg ma kienx jersaq 'l hemm, imma kien jigi ghal kacca.[11]

Xehed **Michael Mercieca** nhar il-5 ta' Marzu 2020 u jghid li r-razzett kienu jitilghu meta kienu tfal xi hamsa u hamsin (55) sena ilu. Jghid li dan l-ahhar snin kien juza ir-razzett Leli Busuttil. Jghid li ilu jitla' hdejh ghad-demel xi erbgha u ghoxrin (24) sena. Jghid li Busuttil juza r-razzett u r-raba' u ilu jaghmel dan wahdu xi hamsa u ghoxrin (25).[12] Jghid li hut Busuttil kienu jidhlu u hadd izjed.

---

[8] Folio 31 tal-process.
[9] Folio 35 tal-process.
[10] Folio 36 tal-process.
[11] Folio 41 tal-process.
[12] Folio 43 tal-process.

Xehed **Matthew Borg** nhar it-12 ta' Marzu 2020 fejn qal li hu jmur ghall-kacca fil-ghodu. Fejn imur ghal kacca huwa ta' kuginuh sa fejn jaf hu. Jghid li l-ghalqa kienet ta' nanntu u tatu lil zijuh Carmelo Busuttil li illum mejjet. Jghid li jmur fil-post bil-permess tal-kugini tieghu. Jghid li hu mar ghall-kacca u gie Manwel Busuttil hdejh bil-moghoz u qallu hawn gej?. Hu qallu li hu ma jihux ordnijiet minn ghandu u qallu li hawn tieghu. Qal li cempel lil kugin tieghu li skond hu ghandu l-post u kien il-Mellieha dak il-hin. Qal li ipprova jsib kompromess u joqghod sa l-ghaxra u wara jitlaq mill-art. Qal li telghu missieru Joseph Borg u Clifton Borg. Jghid li Busuttil beda jheddu bid-diskors il-hin kollu. Jghid li hu ma fixklu bl-ebda mod. Jghid li Busuttil fixklu fi hwejgu ghax hu kien hemm bil-permess ta' kuginuh. Jghid li hu baqa' hemm meta gew il-pulizija. Jghid li fid-dura isib minn kollox. Hmieg, landi, bicciet ta' sigar.[13]

Kontro-ezaminat jghid li jaf li Leli Busuttil ghandu n-nghag fir-razzett. Jghid li meta kien zghir xeba jmur hdejh. Jghid li d-dura qieghda bejn mija u hamsin sa mitejn (150 – 200) metru mir-razzett. Jghid li x-xaghari hu ta' erbghin sa hamsin (40-50) tomna. Jaqbel li hu kien fid-dura u Busuttil hareg bin-naghag. Jichad li gerrixxlu n-naghag u hu ipprova isib kompromess. Jaqbel li diga' telghu l-Qorti fuq din il-kwistjoni u ammetta li ipprova jsib kompromess. Jaqbel li fil-25 ta' Jannar 2018 obbliga ruhu li ma jidholx fir-razzett u sa mitejn (200) metru minnu.[14] Qal li hu ried iswed fuq l-abjad li ix-xaghri tieghu. Hu ma jippretendix li x-xaghari tieghu imma kienet ta' nanntu. Jghid li kuginuh hallieh joqghod hemm.[15]

Xehed **Matthew Busuttil** nhar it-12 ta' Marzu 2020 u jikkonferma li ghandu r-raba' Ghar Dalam, B'Bugia.[16] Jikkonferma li ta l-permess lil Matthew Borg biex imur ghall-kacca. Jghid li l-art kienet ta' missieru u issa giet fuqu u fuq

[13] Folio 49 tal-process.
[14] Folio 51 tal-process. Ara Folio 28 tal-process 'Dok FA 1'.
[15] Folio 51 tal-process.
[16] Folio 53 tal-process.

ommu. Jghid li Manwel Busuttil jigi hu missieru u beda jaqlaghlu problemi ma' kulhadd, qallu biex jaqla' kollox. Jghid li anki ittra bl-avukat bghatlu. Jghid li missieru kien ta permess lil huh ghan-naghag u minn kamra ghamilha razzett bla permess.

Kontro-ezaminat jghid li Manuel Busuttil ilu hemm mid-disghinijiet bir-razzett u n-naghag u sal-lum ghadu hemm. Jichad li beda jibghat in-nies biex joqoghdu hemm. Jghid li hemm diversi duri madwar ir-razzett. Ma jafx liema hi d-dura fejn inqaghlet il-kwistjoni ghax hu ma kienx hemm.

Ri-ezaminat jghid li minnghand zijuh ma jircevix qbiela u ma jistax jikrieh u missieru halla lil zijuh bi pjacir. Jghid li Manwel Busuttil hu l-parrinu tieghu. Jghid li missieru tah mansab ukoll.

Xehed **Clifton Borg** nhar l-20 ta' Lulju 2020 u jghid li Matthew Borg hu habib tieghu u jghid li jkunu ghall-kacca flimkien fix-xaghri tieghu.[17] Jghid li Manwel Busuttil dahal jghajjat bhas-soltu u li kien ghaddej bil-moghoz. Jghid li gieli Busuttil tefa' l-moghoz fin-nofs biex ma jkunux jistghu johorgu u jikkonferma li l-incident gara f'Settembru. Jghid li gew il-pulizija u hallew kollox f'idejhom.

Kontro-ezaminat jiftakar li l-incident gara xi sentejn qabel u jghid li x-xaghri hija ta' Matthew Busuttil. Jghid li ra li l-qbiela jhallasha Matthew Busuttil, ra l-karta.[18] Isostni li d-dura qieghda naqra l-boghod mir-razzett pero' ma ghandux ideja kemm. Ma jafx li Matthew Busuttil kien obbliga ruhu li ma jersaqx lejn ir-razzett tal-anqas sa mitejn (200) metru.

Xehed **Emanuel Busuttil** nhar il-5 ta' Ottubru 2020 u jghid li mar-razzett ghandu aktar minn tomnejn raba'. Jghid li jhallas il-qbiela.

[17] Folio 62 tal-process.
[18] Folio 66 tal-process.

**Ikkunsidrat:**

Fuq il-materja ta' *ragion fattasi*, l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Kodici Kriminali, jghid is-segwenti:

**FUQ L-UŻU KONTRA L-LIĠI MILL-PRIVAT TAS-SETGĦAT TAL-AWTORITÀ PUBBLIKA.**

*"85.(1) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa:……".*

**Ikkunsidrat:**

Fil-kawza il-**Pulizija vs Salvatore Farrugia** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-14 ta' Dicembru 1957 mill-mibki Onorevoli Imhallef William Harding inghad:

> ***'L-elementi kostituttiv tar-reat ta' ezercizju arbitrarju ta' pretensjonijiet (ragio fattasi) huma erbgha u cjoe'***
>
> 1. ***Att estern li jispolja lil haddiehor minn haga li <u>jkun qieghed igawdi</u> u li jkun ezegwa kontra l-oppozizzjoni espressa jew prezunta, ta' xi hadd iehor;*[19]**
> 2. ***Il-kredenza li l-att qieghed isir b' esercizzju ta' dritt;***
> 3. ***Il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di private braccio' dak li jmissu jsir per mezz tal-awtorita' pubblika;***
> 4. ***Nuqqas ta' titolu, li jirrendi il-fatt aktar gravi.'***

[19] Enfasi ta' din il-Qorti

Ikompli jghid il-Harding fl-istess sentenza:

***'Ir-rekwiziti tieghu ma jmorrux aktar l-hemm minn dawk fuq indikati; pero' hu fatt li min jaghmel att li bih ikun qieghed jiehu l-ligi f' idejh, b' daqshekk ikun qieghed juzurpa f' sens generali funzjoni li tmiss biss lill-awtorita' gudizzjarja.'***

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti mill-provi tislet is-segwenti:

1. Hemm kwistjoni ta' titolu bejn Matthew Busuttil u Emanuel Busuttil, in-neputi u z-ziju;

2. Tal-anqas Emanuel Busuttil jidher li ilu juza r-razzett u r-raba' tal-madwar inkluz ix-xaghri ghal tal-anqas 14-il sena b'mod mhux interrot wahdu u dan wara l-mewt ta' huh, ossija missier Matthew Busuttil;

3. Jidher li r-razzett u r-raba' jintuza biex jinzammu u jirghu n-nghag u l-moghoz;

4. Jidher li Matthew Busuttil ihalli lil Matthew Borg u lil haddiehor biex imorru ghal kacca;

5. Jidher li Matthew Borg u Clifton Borg kienu ghall-kacca fid-9 ta' Settembru 2018 meta Manwel Busuttil hareg jirgha l-moghoz u inqalghet kwistjoni bejn Matthew Borg u Manwel Busuttil.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti rat ir-rapport tekniku legali tal-espert imqabbad minn din il-Qorti diversament preseduta u l-konkluzjoni raggunta minnu[20]. Filwaqt li taqbel mal-esposizzjoni legali hemm imfissra u filwaqt li taqbel li fil-konfront ta' Manwel Borg ma jissussistux il-provi li jsawru l-elementi tal-artikolu 85 ma tistax tghid

[20] Bid—dovut rispett l-espert Dr. Lennox Vella ma jallaccax l-esposizzjoni legali mal-fatti kif riskontrati minnu, imma jhalli il-konkluzjonijiet raggunti minnu in area.

l-istess ghal dak li jirrigwarda l-ghemil ta' Matthew Borg. F'dan ir-rigward din il-Qorti thoss li ghandha tezercita d-diskrezzjoni assoluta taghha li ma toqghodx fuq il-konkluzjoni tieghu.

Dan qed tghidu ghax jidher ben car li Matthew Borg kien jaf ben car li hu ma setax joqghod fid-dura ghax fil-25 ta' Jannar 2018 fil-kawza **Il-Pulizija vs Matthew Borg** iddikjara:

***'L-imputat qed jobbliga ruhu li mil-lum il-quddiem ma jidholx fir-razzett tal-parte civile u sa 200 metru madwar ir-razzett tieghu.'***

Matthew Borg kontro ezaminat minn Dr. Patrick Valentino accetta li kien jaf b'dan u xorta wahda fid-9 ta' Settembru 2018 ippretenda li kellu d-dritt li jmur vicin ir-razzett u joqghod hemm ghal kacca. B'hekk ghal darb'ohra ha l-ligi b'idejh u meta Manwel Busuttil mar jirgha bil-moghoz tieghu ma setax jaghmel dan ghax Borg kien qieghed jikkaccja. Hu minn ewl id-dinja li meta wiehed qieghed f'attivita' ta' kacca qed itellef lir-rahhal milli jirgha l-bhejjem tieghu.

In oltre dan l-agir tieghu jirravviza disprezz lejn l-awtorita tal-Qorti stante illi huwa ma qaghadx ghall-obbligu li intrabat bih quddiem il-Qorti kif diversament preseduta fil-kawza Il-Pulizija vs Matthew Borg deciza fil-25 ta' Jannar 2018.

**Decide:**

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **MATTHEW BORG HATI** tal-akkuza migjuba kontrih taht l-artikolu 85 l-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda timmultah hames mitt Ewro (€500).[21]

In oltre ai termini tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malt, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qrati u Tibunali Kriminali

---

[21] Art. 11.(1) Fejn il-liġi ma tgħidx espressament xort'oħra, il-maximum tal-multa huwa elf mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69) u l-minimum tlieta u għoxrin euro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29).

l-ispejjez ta' l-espert fis-somma ta' erba' mitt Ewro u tnejn u tletin centezmu (€433.32c) fi zmien xahar minn meta din is-sentenza ssir *res judicata*.[22]

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car l-obbligi tieghu that din is-sentenza u l-konsegwenzi jekk huwa ma jonorax l-istess.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tinghata lill-partijiet u li kopja tal-imsemmija sentenza titpogga fuq is-sistema online tal-Agenzija tal-Qrati minnufih.

Moghtija llum 07 ta' Marzu 2025 fil-bini tal-Qorti, f'Malta.

Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur.
Magistrat

Annalise Mifsud
Deputat Registratur.

[22] Folio 83 fuq in-naha ta' wara tal-pagna.